# PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. DR DAVID SCICLUNA LL.D. MAG. JUR. (EUR. LAW)**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 15 ta' Ottubru 2001**

**Numru 27**

**Citaz. numru 1719/94 DS**

Saviour Farrugia bhala ufficjal inkarigat mit-Taqsima Arretrati ghan-nom u in rappreżentanza tal-Korporazzjoni Telemalta u b'digriet tal-25 ta' Settembru 2001 gie ordnat li l-kawza titkompla f'isem Maltacom p.l.c. minflok il-Korporazzjoni Telemalta.
vs
Mohammed Busefi

Illum, 15 ta' Ottubru 2001

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni ppresentata fid-19 ta' Dicembru 1994 li permezz taghha l-attur nomine wara li ppremetta:

Illi skond il-ftehim bejn il-kontendenti kif ukoll skond ir-regolamenti vigenti li jirregolaw l-uzu tas-servizzi moghtija mill-Korporazzjoni Telemalta, l-konvenut ghandu jaghti lill-attur noe is-somma ta' Lm567.38 (hames mija u sebgha u sittin lira u tmienja u tletin centezmu) bhala prezz ta' servizz tat-telex relattiv mill-prospett esibit ma din ic-citazzjoni, u

Illi interpellat sabiex ihallas il-konvenut baqa inadempjenti.

talab lil din il-Qorti;

Tikkundannah ihallas lill-attur noe is-somma ta' Lm567.38 dovuta minnu bhala prezz ta' servizz tat-telex relattiv ghall-linja bin-numru 620, kollox kif intqal fuq u ghar-ragunijiet premessi.
Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-Mandat ta' Qbid numru 214/94 u bl-imghaxijiet kontra l-konvenut li jibqa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut fejn qal:

Illi kwantu l-pretensjoni tal-attur nomine tirrigwarda kiri tat-telex machine, l-azzjoni odjerna hija preskritta ai termini tal-artikolu 2148 (f) tal-Kodici Civili;

Illi kwantu l-pretensjoni tal-attur nomine tirrigwarda telexes mibghuta fuq l-istess magna, l-azzjoni odjerna hija preskritta a tenur tal-artikolu 2156 (f) tal-Kodici Civili;

Illi bla pregudizzju ghas-suespost, l-azzjoni attrici hija fi kwalunkwe kaz inforndara fil-fatt u fid-dritt stante li s-servizz provdut kien assolutament inefficjenti u mhux minnu li inghata kif l-attur nomine kien obbligat skond il-ftehim u l-ligi.

B'riserva ta' eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-digriet tad-19 ta' Gunju 1995 fejn giet nominata l-assistenta gudizzjarja Dr. M'Dolores Gauci sabiex tisma' x-xhieda u tircievi dokumenti prodotti minnhom;

Rat il-verbali kollha tax-xhieda, l-atti l-ohra tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Ikkunsidrat illi:-

F'din il-kawza s-socjeta` attrici qed titlob il-hlas tas-somma ta' Lm567.38 ghas-servizz ta' *telex* bin-numru 620 li gie provdut fil-fond Flat 3 Valletta Buildings, South Street, Valletta.

Il-konvenut qieghed jeccepixxi l-preskrizzjoni ta' tmintax-il xahar skond l-artikolu 2148(f) tal-Kodici Civili in kwantu jirrigwarda l-kera u l-preskrizzjoni ta' hames snin skond l-artikolu 2156(f) tal-Kodici Civili in kwantu jirrigwarda l-*calls*.

Dawn l-artikoli li fuqhom qieghed jistrieh il-konvenut jipprovdu hekk:

> "**2148.** L-azzjonijiet hawn taht imsemmija jaqghu bi preskrizzjoni bl-eghluq ta' tmintax-il xahar:
>
> ….
>
> (f) l-azzjonijiet ta' kull persuna, ghall-kera ta' hwejjeg mobbli."
>
> "**2156.** L-azzjonijiet hawn taht imsemmija jaqghu bi preskrizzjoni bl-eghluq ta' hames snin:
>
> (f) l-azzjonijiet ghall-hlas ta' kull kreditu iehor li gej minn operazzjonijiet kummercjali jew minn hwejjeg ohra, meta l-kreditu ma jkunx jaqa', skond din il-ligi jew ligijiet ohra, taht preskrizzjoni aqsar, jew ma jkunx jirrizulta minn att pubbliku."

Qabel ma naraw jekk dawn il-preskrizzjonijiet ighoddux ghall-kaz, naraw jekk ghalaqx iz-zmien. Skond il-prospett esebit (Dok. B a fol. 8 tal-process) is-somma mitluba mis-socjeta` attrici hija mqassma kwantu ghal Lm518.63 ghall-kera mill-perijodu 1 ta' Lulju 1991 sa 31 ta' Dicembru 1992 u kwantu ghal Lm48.75 *calls* minn Lulju 1991 sa Ottubru 1992. Il-kawza nfethet fid-19 ta' Dicembru 1994 u l-konvenut gie notifikat bic-citazzjoni fis-27 ta' Marzu 1995. Bejn Lulju 1991 u Marzu 1995 m'ghaddewx hames snin u ghalhekk il-preskrizzjoni taht l-artikolu 2156(f) ma ghalqitx. Billi ghaddew aktar minn tmintax-il xahar pero`, irridu naraw jekk ighoddx ghall-kaz odjern l-artikolu 2148(f).

Fis-sentenza taghha moghtija fid-19 ta' Frar 1999, din il-Qorti diversament presjeduta fil-kawza fl-ismijiet **Maltacom p.l.c. vs Concrete Works Limited** (1687/96FGC) fejn is-socjeta` konvenuta kienet eccepiet il-preskrizzjonijiet kontemplati fl-artikoli 2148(f), 2148(a) u 2156(f) tal-Kodici Civili, qalet hekk:

> *"Huwa risaput pero` in tema ta' preskrizzjoni li l-unika preskrizzjoni applikabbli f'dan il-kaz ta' hlas ta' servizz tat-telefon, kera, ecc., hija dik kontemplata fl-**Artikolu 2156(f)** tal-Kodici Civili li giet eccepita wkoll mis-socjeta` konvenuta (ara P.A. Postmaster general vs Michael James Falla dec. 13.05.80; Michael Saliba noe vs Winston Carbone dec. 07.04.83; Telemalta Corporation vs Robert Spiteri dec. 05.11.92; u Maltacom p.l.c. vs Muscat Group of Companies Ltd. dec. 12.02.99)."*

Fil-kawza fl-ismijiet **John Scicluna noe vs Robert Spiteri** (70/91JSP) deciza minn din il-Qorti diversament presjeduta fil-5 ta' Novembru 1992, intqal hekk:

> *"In fatti l-konvenut qed jeccepixxi li l-azzjoni giet perenta bil-perkors ta' perijodu ta' tmintax-il xahar a tenur tas-subinciz (f) tal-Artikolu 2148 tal-Kodici Civili li jistipula dan it-terminu fil-kaz tal-'azzjonijiet ta' kull persuna ghall-hlas ta' kera ta' hwejjeg mobbli'. L-attur nomine qed isostni li, se mai, il-preskrizzjoni applikabbli hija dik ta' hames snin.*
>
> *Il-Qorti taqbel mas-sottomissjoni tal-attur nomine. In fatti s-subinciz kwotat mill-konvenut jirreferi ghall-hlas ta' 'kera' ta' hwejjeg mobbli. Issa, waqt li hu minnu illi parti zghira mill-ammont reklamat hu indikat li hu dovut ghall-'kera' – bl-Ingliz 'rental' – tal-apparat, hu ovvju li l-ftehim bejn l-attur nomine u l-konvenut hu wiehed li jimporta l-ghoti ta' servizz kontra pagament anke jekk dan il-pagament hu kalkolat b'rati determinati skond kemm jintuza mill-utent. Anke dak li hu msejjah 'kera' tal-apparat, mhux pagament ghall-apparat fih innifsu, imma biss in kwantu tali apparat hu mehtieg ghall-ghoti tas-servizz in kwistjoni mill-attur nomine, liema servizz, li l-kontraenti kkontrattaw dwaru, jista' u seta' biss jinghata tramite l-uzu ta' dan l-apparat. Hu ovvju ghalhekk illi l-kuntratt bejn il-kontendenti li kkreja r-relazzjoni guridika bejniethom u li t-thaddim tieghu pprovoka din il-kawza, hu wiehed ta' 'ghoti ta' servizz' u mhux wiehed ta' 'kiri ta' oggett mobbli'."*

Dak li ntqal f'dawn il-kawzi dwar servizzi telefonici japplika *mutatis mutandis* dwar is-servizz tat-*telex* moghti lill-konvenut u li dwaru saret din il-kawza u ghalhekk l-preskrizzjoni eccepita a tenur ta' l-artikolu 2148(f) tal-Kodici Civili ma tapplikax.

L-eccezzjonijiet ta' preskrizzjoni huma ghalhekk michuda.

Fil-mertu l-konvenut qed jeccepixxi li s-servizz provdut kien inefficjenti u s-socjeta` attrici ma tistax ghalhekk tippretendi hlas. Huwa xehed li bejn l-1 ta' Lulju 1991 u l-31 ta' Dicembru 1991 l-magna kienet bil-hsara diversi drabi, li kienu kkuntattjaw is-socjeta` attrici biex isewwuha izda ma kinux sewwewha kif kien mehtieg. Qal li jekk jiftakar sew wiehed mill-impjegati tas-socjeta` attrici kien qal li l-magna kienet antikwata u kellhom ibiddluha. Kienu skonnettjawha izda qatt ma biddluha. Fl-1991 waqqaf il-pagamenti minhabba l-problemi bil-magna. Saviour Farrugia

ghas-socjeta` attrici esebixxa kopja tat-*telex subscriber maintenance card* (Dok. SF). Minn hemm jirrizulta li ghalkemm fl-1989 kien hemm tmien okkazjonijiet fejn gew rapportati xi hsarat, fl-1990 kien hemm okkazjoni wahda u mbaghad m'hemm l-ebda entrata ohra salv l-entrati tas-17 u tat-18 ta' Dicembru 1992 meta l-magna giet irtirata. L-oneru tal-prova li s-servizz kien "inefficjenti" kien fuq il-konvenut. Fil-fehma tal-Qorti l-konvenut ma sehhlux jipprova l-allegazzjoni tieghu. Huwa xehed li hu ma kienx ikun Malta fuq bazi permanenti u li l-ufficcju kien jitmexxa minn persuni ohra li hadd minnhom ma ressaq biex jixhdu. Lanqas ma jirrizulta li ha xi azzjoni biex, jekk il-magna kienet "inefficjenti", titnehha jew tinbidel. U fuq kollox l-allegazzjoni tieghu tidher kontradetta mid-dokument ufficjali esebita mis-socjeta` attrici mnejn ma jirrizultawx rapporti dwar hsarat mit-2 ta' Awissu 1990 'l quddiem.

It-tielet eccezzjoni hi ghalhekk ukoll michuda.

Ghal dawn il-motivi:-

Tiddeciedi billi, filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut, tilqa' t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' Lm567.38 bl-imghax mid-data tan-notifika tac-citazzjoni u bl-ispejjez kontra l-konvenut.

Onor. Imhallef
Dottor David Scicluna

D/Registratur